Minuti tal-50 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 15 ta' Gunju, 2016.
Il-laqgha nbdiet hin 2.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-49 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Pavimentar taz-Zuntier**

2.1 Gie spjegat li fuq iz-zuntier tal-Knisja kien gie innotat li hemm diversi cangaturi li huma imkissa u ghalhekk dawn riedu jinbiddlu b'mod urgenti. Ghaldaqstant il-Kunsill iddiskuta l-materja u approva l-ordni ghal ohrajn godda minnflokhom. Ix-xoghol ta' tnehhija tal-qodma ser isir mill-haddiema tal-Kunsill filwaqt li t-tqeghid ser isir mis-Sur Joe Theuma. Il-Kunsill qabel ma' dawn ix-xogholijiet.

**3.0 Jum l-Gharb**

2.02pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

3.1 Is-Sindku spjega li ta' kull sena Jum l-Gharb jigi ccelebrat fil-gurnata propja tieghu jigifieri fid-29 ta' Awissu. Saret diskussjoni fejn kien issugerixxa li peress li din is-sena ser jahbat it-Tnejn, dan jista' jigi ccelebrat gurnata qabel jigifieri l-Hadd 28 ta' Awissu. Kien hemm qbil li ghandhom ikunu ikkuntatjati l-membri distinti u mmexu skond iddisponibilita' taghhom.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-program fejn qabel li dan ghandu jittella' programm bhas-soltu u jinghtaw l-ghoti tal-premijiet. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jintbghatu l-ittri lill-ghaqdiet lokali sabiex isir in-nominazzjonijiet.

## 4.0 It-Tieni attivita' fil-Progett tan-Network tal-Gemellaggi

4.1 Is-Sindku spjega li issa jmiss li tigi organizzata t-tieni attivita' tal-gemellagg fejn id-dati proposti huma bejn l-14 u 18 ta' Settembru gewwa l-Italja. Kif kien diga sar qbil ma' Ortezzano u Gerano ghal din it-tieni attivita' ser jigu involuti t-teams tal-futbol u zghazagh. B'kollox ser ikun hemm 15-il persuna minn kull lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi ma' dak jaqbul u jibghat l-istedina lill-partners l-ohra. Gie spjegat ukoll li min ser ikun qed jakkpumpanja il-partecipanti ser ikollu prezz specjali pero' ser tinghata preferenza lil dawk li ghandu t-team tal-futbol. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4.2 Fir-rigward tal-partners Irlandizi gie spjegat li l-Kunsill ghadu qed ifittex data ta' meta ssir l-attivita' l-Irlanda.

4.3 Fir-rigward tal-partners minn Praga u Polonia jekk dawn jaqblu qed jigi ssuggerit li ssir event wahda minhabba l-ispejjez tal-ajruplan. Din qed tigi proposta li ssir f'Mejju tas-sena d-diehla. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

4.4 Is-Sindku spjega li huwa bghat email lill-partners ta' l-Irlanda sabiex jistedinhom jaslu sa Malta peress li ma kienux hawn fi Frar biex maghhom jigi diskuss il-programm. Huwa kompla jghid li dawn kienu qed jitolbu sabiex l-attivita' gewwa l-Irlanda ssir ghal nofs Gunju pero' din kienet ser tkun ftit difficli ghar-raguni li r-rahal ta' l-Gharb ikun impenjat bil-preparamenti tal-festa u ghalhekk ikun aktar ghaqli li tinstab data alternattiva.

4.5 Fl-ahhar ser issir iz-zjara gewwa l-Gharb li l-probabilita' hija li din issir waqt il-festa tas-sena d-diehla pero' qabel din tigi deciza tkun trid issir evalwazzjoni ta' l-ispiza.

## 5.0 Progetti u Xogholijiet

5.1 Il-Kunsill gie infurmat li fir-rigward tal-Progett tal-Ground, saret l-applikazzjoni ghad-devoluzzjoni li intbghatet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Apparti dan intbghatet l-ittra fejn jindika li l-agenzija involuta ser tkun qed tiffinanzja l-progett u saret laqgha mad-Direttur tal-Kunsill Lokali f'dan ir-rigward.

5.2 Fir-rigward tac-cangatura taz-zuntier, din diga giet diskussa aktar kmieni waqt il-laqgha.

5.3 Il-haddiem Raymond Rotin qed ikompli fil-kostruzzjoni ta' hitan tas-sejjieh u sadanittant irranga ukoll il-hajt ta' fejn il-fabbrika tan-nar fi Triq Trux.

5.4 Gie spjega li l-claim ta' l-Insurance minhabba l-hsara tas-shelter ghada pendenti u ser jibdew ix-xogholijiet ser jitrangaw il-hsarat.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

5.5 Anthony Camilleri saqsa kemm ghandna bhala haddiema l-Kunsill fejn is-Sindku spjega li ghandna lil Raymon Rotin haddiem tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali assenjat mall-Kunsill, ghandna lil Matthew Camilleri, Louis Piscopo, Jake Caruana u Elizabeth Rotin fuq Community Work Scheme assenjati mall-Kunsill.

## 6.0 Pagamenti

6.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet appruvata unanimament mill-Kunsill.

## 7.0 Korrispondenza u Materji ohra

7.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Applikazzjonijiet godda ghal Permess ta' zvilupp: PA0178/16, PA3997/15, PA4229/15 u PA2064/16. Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ghal Triq il-Knisja, sar suggeriment sabiex jekk hu possibli t-triq titwessa' u tigi salvata l-palma li hemm f'dan il-post.

7.2 Minghand il-Kunsill Parrokkjali fejn il-Kunsill gie mitlub jaghmel bins tar-recycle waqt il-festa. Saret diskussjoni fejn is-Sindku issugerixxa li ssir talba lil Green MT u dawn jitpoggew fejn il-kioks tal-festa. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

7.3 Minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn il-Kunsill gie infurmat li saret revizjoni fil-hlas tal-kera taz-zona tal-football ground u l-football ground innifsu mis-17 ta' Gunju, 2016 ser jibda' jsir hlas ta' €270.41 fis-sena.

7.4 Minghand Greenleaf fir-rigward ta' prodotti ta' *shreeding* ta' karti li huma joffru ghal bejgh.

7.5 Minghand il-Kumitat Organizzattiv 1551 fir-rigward ta' preparamenti ghall-kuncert li ser jittella' is-Sibt 30 ta' Lulju, 2016 fil-foss tac-Cittadella. Il-Kunsill qieghed jintalab ghajnuna finanzjarja b'risq l-attivita' taghhom. Gie innotat li l-Kunsill ma jistax jaghti donazzjonijiet u li ser isir komunikat ma' Kunsilli ohra biex jaraw huma x'iddecidew.

7.6 Minghand Lorna Vassallo dwar publikazzjoni ta' ktieb Maltese through English.

7.7 Is-Sindku spjega li wara l-ahhar laqgha tal-Kunsill fejn saret laqgha ma' ufficjali tal-WasteServ saret laqgha mall-Kunsilli ta' San Lawrenz u Ghasri dwar l-iskeda ta' gbir ta' skart. L-iskeda diskussa u maqbula kienet hekk: It-Tnejn gbir ta' skart organiku, t-Tlieta gbir ta' skart ghar-reciklagg, l-Erbgha gbir ta' skart organiku, l-Hamis gbir ta' skart imhallat, il-Gimgha gbir ta' skart organiku, s-Sibt ma jsirx gbir u l-Hadd isir gbir ta' skart wara nofsinhar. Mit-Tnejn sal-Gimgha jsir filghodu u l-Hadd isir wara nofsinhar.

Shirley-Anne Cecchini staqsiet li bhal fil-kaz tad-Dar ta' l-Anzjani gewwa San Lawrenz dan min irid jigbru.

Is-Sindku spjega li bhala negozji mhux suppost li jingabar mill-Kunsill pero' ghalkemm din hi l-ligi peress li ahna rahal zghir il-Kunsill jipprova jghin kif jista'. Is-Sindku qal li l-probabilita' hija li dawn ikollhom jew ihallsu ghas-servizz jew inkellha jiehdu hsieb li jigbru l-iskart huma stess.

Min-naha tal-WasteServ dawn ser ikollhom jiccekkjaw u jaghmlu kontrolli fuq l-iskema kif ukoll jedukaw lin-nies.

Is-Sindku qal li bhala Kunsill irridu inkomplu nedukaw lir-residenti u inhegguhom sabiex jikkollaboraw f'dawn l-inizjattivi. Huwa zied jghid li wara diskussjonijiet gie innotat li nhar ta' Tnejn mhux sewwa ikun hemm zewg gabriet peress li b'hekk in-nies mhux ser jigu inkoraggjati sabiex jirreciklaw. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel ma' l-iskeda proposta u fejn jidhol il-Hadd il-gbir isir fl-4pm.

7.8 Saret diskussjoni dwar l-Infiorata li qed tigi mitluba ssir mill-Kunsill mill-Ministeru ghal Ghawdex fic-Cittadella. It-tema li huma jixtiequ huwa l-emblema tac-Cittadella. Is-Sindku spjega li dan irid isir fuq tapit ahdar kif mitlub minnhom u hemm 145 metru kwadru. Huwa kompla jispjega li Michael Bajada ser jipprepara d-disinn pero' ma jistax ikun presenti ghall-preparazzjoni. Ikun tajjeb li min attenda l-attivita' ta' Noto jaghti daqqa t'id. Emanuel Muscat qal li huma min-naha tieghu ser jattendi.

7.9 Emanuel Muscat qal li l-Kunsill skolastiku gie xolt. Is-Sindku spjega li wara li gie ikkuntatjat minn Emanuel Muscat, huwa pprova jikkuntatja lill-principal dwar dan pero' l-principal qallu li din hija xi haga li tikkoncerna d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u ma jistax jaghti aktar informazzjoni u lanqas fir-rigward ta' l-inkjesta dwar il-bord ta' l-Edukazzjoni. Huwa zied jghid li ghal-laqgha li saret ghall-genituri tal-Klassi tal-hamess sena, l-principal kien qallu li kull ma attendew kienu rapprezentanti ta' erba' familji li wahda minnhom hareg il-barra pero' ma qallux min kienu. Is-Sindku spjega li kien gie infurmat li kien hemm ghajdut li s-Surmast tnehha peress li issa li diehel fil-klass tal-Kinder 1 it-tifel tieghu, s-Sindku kien ha jkun jista' jaghmel li jrid peress li hu u s-Surmast huma hbieb. Emanuel Muscat qal li huwa kien infurmah b'dak li kien sema'. Is-Sindku zied jghid li ghal dan il-ghan huwa ser jikteb lill-principal ta' l-iskola u jitlob spjegazzjoni ghax mhux sewwa li jsemmu u juzaw lill-ibnu b'dan il-mod. Is-Sindku kompla li dan huwa tip ta' *bullying* anke jekk it-tifel tieghu ghadu ma rifiex fl-iskola. Emanuel Muscat qal li huwa ma jikkonfermax dan.

7.10 Shirley-Anne Cecchini semmiet li fejn toqghod hi fi Triq il-Madonna tal-Virtu' kien hemm tabella li tindika li dan huwa passagg u ghandu jithalla liberu minn vetturi. Meta saret xi kostruzzjoni tnehhiet it-tabella u kawza t'hekk qeghdin jipparkjaw f'dan il-post. Il-Kunsill qabel li ghandu jara li din terga' tehel u jintalab permess lit-Transport Malta ghal din it-tabella.

7.11 Is-Sindku spjega li waqt kienu inghataw lill-iskola t-togi l-godda sabiex setghu jintuzaw waqt ic-cerimonja tal-gradwazzjoni. Waqt din ic-cerimonja, l-Assistant

Head, Ms. Vella Muscat kienet ghamlet talba sabiex il-Kunsill ikun jista' jghin fl-ghoti ta' stationery bhal ma kien gara snin ilu. Fejn jidhlu t-tfal tal-Kinder hija talbet ghajnuna permezz ta' xi tip ta' bandla zghir ghat-tfal jew simili. Gie spjegat li gew mitluba kwotazzjonijiet fejn tidher li l-istima ser titla' ghal madwar €1000 u ghaldaqstant il-Kunsill filwaqt li jaqbel li jaghti l-koperazzjoni tieghu lill-iskola ddecieda li ghandu jinstab sponsor ghal dan.

7.12 Gie spjegat li fil-latrini ta' Triq Ta' Pinu qed ikun hemm problema ta' kuljum minhabba vandalismu fejn il-flushings qeghdin jinkisru ta' spiss. Ghal dan il-ghan qeghda tintalab stima ghal ohrajn bis-senors.

7.13 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-President tal-Gharb Rangers F.C. kien infurmah li kien hemm problema gewwa l-ground fejn xi persuni kienu fethu toqba fil-fence, dahlu gewwa l-ground u instabu xi cigarette fuq il-pitch. Il-Kunsill kien ha azzjoni u l-fence isewwa. Il-Kunsill qabel li ghandhom jehlu CCTV Cameras f'dan il-post flimkien ma' dawl bis-sensor sabiex isir moniteragg.

7.14 Il-Kunsill gie infurmat li nhar il-Hadd ser isir l-iffirmar tan-Night Shelter gewwa l-kazin tal-banda. Wara l-Quddiesa ta' l-10am ser ikun hemm it-tfal li jtellu l-bandiera tal-banda fuq il-kazin u dritt wara jsir l-iffirmar.

## 8.0 Aggornament

8.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 13 ta' Lulju, 2016.

8.2 Il-laqgha spiccat hin 3.05pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |